CittaNotabile

# AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajma
3. Komunikazzjoni mis-Sindku
4. Korrispondenza
5. Rapport Amministrattiv
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash
7. Affarijiet oħra meqjusa urgenti
8. Aġġornament

Minuti tal-laqgha numru 41 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 12 ta' Lulju 2016 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Skuzata |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg. Ezekuttiv | Mark Mallia | MM | Prezenti |

Il-Kunsilliera CS infurmat lis- SE li ma setgħetx tattendi il-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol. Il-Kunsill approva li tiġi skuzata.

**41.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

41.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 40 ġew approvati

**41.2 Punti Mqajma**

41.2.1 Ma kien hemm ebda punti mqajma mill-minuti

**41.3 Komunikazzjoni tas- Sindku**

41.3.1 Is-Sindku PSM ppropona lil-Kunsill li kull darba li jkun ser isiru produzzjonijiet kbar tal-films, tintalab garanzija bankarja ta' € 25,000. Il-Kunsill approva.

41.3.2 Is-Sindku PSM infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' l-inġinier fir- rigward tal-lighting il-ġdid fil-ġnien z-zgħir, Howard Gardens li beħsiebu jinstalla b'fondi mgħotija mill-WasteServ biex jiġi msebbaħ l-ambjent. Huwa talab li tintbghat kopja ta' pjanta ta' l-area.

41.3.3 Is-Sindku PSM talab lis- SE biex jordna plakka biex titwaħħal taħt l-istatwa intitolata lil ex President ta' Malta, Pawlu Xuereb.

41.3.4 Is-Sindku PSM tkellem fuq it-telefonata li kellu mad- Direttur tal-Cleansing Department, s- Sur R. Deguara fuq il-ħinijiet tal-ftuħ tal-latrina f' Howard Gardens fejn ġie spjegat lilu li l-Kunsill ma huiex f'posizzjoni finanzjarja li jħall l-overtime tal-ħaddiema wara l-hinijiet stabbiliti.

41.3.5 Is- Sindku PSM talab lis- SE biex ssir laqgħa urġenti mal-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart organiku għar raġuni li skond WasteServ, dan l-iskart qed jigi mwassal l-impjant tar-ricikklaġ darba fil-ġimgħa. Huwa talab ukoll li fuq l-agenda tal-laqgħa

titnizzel il-problema taz-zjut li qed jinstabu fit-toroq fejn jidher li dan qed jiġi kkawzat mill-vetturi ta' dawk li jiġbru l-iskart ġewwa l-Imdina.

41.3.6 Is-Sindku PSM talab lis-SE jikri bowser ta' l-ilma u jsir il-ħasil tat-toroq ġewwa l-imdina minn fejn ser tkun tgħaddi il-festa tal-Karmnu. Il-Kunsill approva.

## 41.4 Korrispondenza

41.4.1 Talba mill-Parroċċa ta' Ħad- Dingli biex isir pellegrinaġġ nhar il-Ġimgħa 5 ta' Awwissu 2016. Il-Kunsill approva.

41.4.2 Talba mis- Sur Ellul biex għall-oratorju dwar il-Beata Marija Adeodata Pisani, l-orkestra tissemma' *Mdina Classic Orchestra*. Il-Kunsill aċċetta li din l-orkestra tissemma hekk biss għal din l-okkazjoni.

41.4.3 Stedina lill-Kunsill mis- Sinjura Michelle Muscat biex jattendu riċeviment bħala turija ta' apprezzament meta sar il-kunċert b'risq il-Marigold Foundation ġewwa l-Imdina.

41.4.4 Talba għal permess ta' dħul minn Stephen Place fejn għandu liċenzja ta' *chauffuer vehicle* biex ikun jista' jidħol ġewwa l-Imdina. Il-Kunsill ma approvax skond il-Liġi Sussidjarja 65.27

41.4.5 Talba għal Town Twinning mal-Komune ta' Antrodoco ġewwa l-Abruzzo, Italia. Il-Kunsill approva u talab lis- SE biex jibda l-proċeduri mad- Dipartiment għal- Gven Lokali.

41.4.6 Il-Kunsill rċieva kont għal ħlas ta' € 9,870 mingħand il- Planning Authority bħala *development fee* fir-rigward tal-permess.

## 41.5 Rapport Amministrattiv

41.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-kamra ir-rapport annwali amministrattiv għas-sena 2015. (meħmuz)

41.5.2 Ir- rapport kien propost għall-approvazzjoni mis- Sindku PSM li kien ssekondat mill- Viċi Sindku JD. Ir- rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis- Sindku u s- SE biex juri li huwa dokument korrett.

## 41.6 Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash

41.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib id-data tat-12 ta’ Lulju 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 28,235.59.

41.6.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Joseph Debono li kien issekondat mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**41.7** **Affarijiet oħra meqjusa urġenti**

**41.7.1** Il-Kunsill ddiskuta il-BBQ annwali li jsir ġewwa l-Imdina u ġie deċiz li din issir nhar il-Ġimgħa 2 ta' Settembru 2016. Is- SE intalab joħroġ sejħa għal-kwotazzjonijiet.

**41.8** **Aġġornament**

41.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal-11 ta’ Awwissu 2016 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| ___IFFIRMAT_______ | ____IFFIRMAT___ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |